

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2010 — Constellation Brands vs UASI (COOK'S)**

(Kawża T-314/10)

(2010/C 260/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Constellation Brands, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: B. Brandreth, Barrister)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- Tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-29 ta' April 2010 fil-Każ R 1048/2009-1;
- Tirrinviija l-każ quddiem l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u tordna *restitutio in integrum* fir-rigward tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 942 128;
- Tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

**Trade mark Komunitarja kkoncernata:** It-trade mark "COOK'S"

**Deċiżjoni tad-dipartiment Trade marks u Reġistru:** Talba għal *restitutio in integrum miċħuda* u annullament tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 942 128 ikkonfermat.

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** Appell miċħud

**Motivi invokati:** Ksur tal-Artikolu 81 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell wettaq żball fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u fl-evalwazzjoni tiegħu tal-fatti meta kkunsidra li r-rappreżentanti tar-rikorrenti naqsu milli jeżerċitaw l-attenzjoni dovuta fiċ-ċirkustanzi.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2010 — Consorzio del vino nobile di Montepulciano et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-318/10)

(2010/C 260/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Consorzio del vino nobile di Montepulciano (Montepulciano, l-Italja), Contucci di Alamanno Contucci & C. Società Agricola Sas (Montepulciano, l-Italja), Villa S. Anna Società Semplice Agricola di Fabroni Anna S. E M. Società Agricola per Azioni (Montepulciano, l-Italja) (rappreżentanti: D. Dodaro, avukat, S. Cianciullo, avukat, G. Brini, avukat, G. Nazzi, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tiddikjara n-nullità u l-inapplicabbiltà tar-regolament ikkontestat, jew fi kwalunkwe każ tannulla l-emenda li saret permezz tiegħu lill-Anness XV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009, sa fejn jidentifika b'mod żbaljat l-iżball tekniku li għandu jiġi kkoreġut bis-sempliċi trasferiment tad-denominazzjoni tal-varjetà tal-għenba "Montepulciano" fil-parti B tal-istess anness, u sa fejn japplika għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Vino Nobile di Montepulciano" is-sistema derogatorja pprovduta fir-Regolament (KE) Nru 607/09 għall-Artikolu 62(3) u (4) mingħajr ma jiehju inkunsiderazzjoni n-natura effettiva tagħha.
- sussidjarjament, tiddikjara n-nullità u l-inapplicabbiltà tar-regolament ikkontestat, jew fi kwalunkwe każ tannulla l-emenda li saret permezz tiegħu lill-Anness XV, sa fejn, sabiex isir trasferiment fil-parti A tal-istess anness tad-denominazzjoni tal-varjetà tal-għenba "Montepulciano" għall-finijiet tal-Artikolu 62(3) tar-Regolament (KE) Nru 607/2009, li jikkonċerna l-ismijiet tal-għenba li jinkludu jew jikkonsistu f'denominazzjoni ta' oriġini protetta, identifikat id-denominazzjoni ta' oriġini protetta fil-kelma waħda "Montepulciano", billi nehiet l-indikazzjoni tradizzjonali "Vino Nobile di" li ilha tikkostitwixxi parti integrali minn din id-denominazzjoni sa mir-rikonoxximent tagħha.
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċeduri preżenti.